

[Paġna Ewlenija](#) > [Taħriġ, Networks Ġudizzjarji U Aġenziji](#) > [Slovakia](#)

Taħriġ inizjali ta' mħallfin u prosekuturi fl-Unjoni Ewropea

Il-kontenut ipprovdut minn
Slovakkja



Slovakkja

Deskrizzjoni ġenerali

Skont l-Att Nru 548/2003 dwar l-Akkademja Ġudizzjarja tar-Repubblika Slovakka, l-Akkademja Ġudizzjarja tar-Repubblika Slovakka torganizza taħriġ inizjali fir-rebbiegħa u l-ħarifa tul is-sena. L-għan ta' dan it-tip ta' taħriġ huwa li l-kandidati ġudizzjarji jiġu mgħarrfa bl-iżvilupp fit-teorija u l-prattika tas-sistema ġudizzjarja tar-Repubblika Slovakka kif ukoll il-prattika l-qorti f'kuntest Ewropew aktar wiesa'. It-taħriġ ikopri wkoll il-ħiliet u l-abitudnijiet lavorattivi meħtieġa biex wieħed isir imħallef jew prosekutur.

Aċċess għat-taħriġ inizjali

It-taħriġ inizjali huwa għall-imħallfin-kandidati, prosekuturi-kandidati, uffiċjali għolja tal-qrati u assistenti tal-imħallfin tal-Qorti Suprema tar-Repubblika Slovakka. Skont l-Att Nru 548/2003 dwar l-Akkademja Ġudizzjarja tar-Repubblika Slovakka § 3, it-taħriġ inizjali huwa obbligatorju u għal din ir-raġuni mhuwix f'għamla ta' kompetizzjoni u huwa miftuħ għall-applikanti kollha. L-informazzjoni dwar l-organizzazzjoni tinsab fuq is-sit web tagħna fejn nagħtu informazzjoni dwar il-kontenut, il-lectures u d-data.

Il-format u l-kontenut tat-taħriġ inizjali

It-taħriġ jinqasam f'2 partijiet (4 ijiem ta' taħriġ). L-ewwel parti tkopri l-liġi tal-istatut tal-imħallfin, l-akkontabbiltà dixxiplinari tal-imħallfin u l-etika tal-imħallfin, ir-Regola tat-Tmexxija u l-applikazzjoni tagħhom, it-tħaddim tar-reġistri u tas-sistema ta' informazzjoni u l-ġurisprudenza tal-qrati lokali u barranin.

It-tieni parti tkopri l-prova (taħriġ) ta' sentenza mhux penali u ta' sentenza penali, is-sehem tal-pubbliku u l-preżenza tal-media fl-awla tal-qorti, Prattika tal-ħiliet fl-awla, l-apprendiment ta' ħiliet prattiċi, l-apprendiment tal-aspetti proċedurali u abitudnijiet meħtieġa għall-eżerċitar tal-kariga ta' mħallef, analiżi prattika tal-kawżi, l-abbiltà ta' raġunament adegwat tas-sentenzi u segwiment tal-proċedura mingħajr dewmien indebitu.

Terminazzjoni tal-proċess ta' taħriġ u kwalifika inizjali

L-Akkademja Ġudizzjarja tar-Repubblika Slovakka tippjana u torganizza żewġ sessjonijiet ta' Eżamijiet Ġudizzjarji professjonali fir-rebbiegħa u fil-ħarifa ta' kull sena għall-imħallfin-kandidati, prosekuturi-kandidati, uffiċjali għolja tal-qrati u assistenti tal-imħallfin tal-Qorti Suprema tar-Repubblika Slovakka li jsiru bil-miktub u bil-fomm. L-eżami ġudizzjarju professjonali bil-fomm isir mill-Bordijiet tal-Eżamijiet, li jiġu nnominati mill-Bord tal-Akkademja Ġudizzjarja tar-Repubblika Slovakka. Il-membri tal-Bordijiet tal-Eżamijiet kif ukoll il-membri sostituti tal-Bordijiet tal-Eżamijiet jiġu eletti għal mandat ta' tliet snin.

L-aħħar aġġornament: 21/05/2026

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-

traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.